# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Diċembru 2009

## dwar kontribuzzjoni finanzjarja Komunitajra għal 2009 għan-nefqa mill-Istati Membri għal ċerti proġetti fil-qasam tal-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tas-sajd

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9935)*

**(It-testi bid-Daniż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bil-Latvjan, bl-Olandiż, bil-Portugiż, bir-Rumen, bl-Iżvediż, bl-Ingliż biss huma awtentiċi)**

(2009/977/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Billi:

(1) Abbażi tat-talbiet għal kofinanzjament Komunitarju li ġew ippreżentati mill-Istati Membri fil-programmi tal-kontroll tas-sajd tagħhom għall-2009, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2009/746/KE [2], li ħalliet ftit mill-baġit tal-2009 disponibbli għall-kontroll tas-sajd mhux użat.

(2) Il-parti mhux użata tal-baġit tal-2009 issa għandha tiġi allokkata permezz ta' Deċiżjoni ġdida.

(3) F'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006, l-Istati Membri ntalbu jippreżentaw rikjesti għal finanzjament addizzjonali relatati mal-oqsma ta' prijorità ddefiniti mill-Kummissjoni, jiġifieri l-awtomazzjoni u l-ġestjoni tad-dejta, teknoloġiji ġodda, u seminars fil-qasam tas-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU).

(4) Fuq dik il-bażi u b'kont tar-restrizzjonijiet baġitarji, rikjesti għal finanzjament Komunitarju relatat ma' azzjonijiet bħal proġetti pilota, kif ukoll il-bini ta' bastimenti u inġenji tal-ajru għas-sorveljanza, ġew irrifjutati peress li ma kinux parti mill-oqsma ta' prijorità ddefiniti hawn fuq.

(5) L-applikazzjonijiet li jirrigwardaw l-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistgħu jikkwalifikaw għall-finanzjament Komunitarju.

(6) L-applikazzjonijiet għal finanzjament Komunitarju għandhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007 [3].

(7) Huwa xieraq li jiġu ffissati l-ammonti massimi u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja fil-limiti stabbiliti bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li bihom tista' tingħata kontribuzzjoni bħal din.

(8) Sabiex jitħeġġeġ l-investiment fl-azzjonijiet prijoritarji ddefiniti mill-Kummissjoni, u fid-dawl tal-impatt negattiv tal-kriżi finanzjarja fuq il-baġits tal-Istati Membri, in-nefqa relatata mal-oqsma ta' prijorità msemmija hawn fuq għandha tibbenefika minn rata għolja ta' kofinanzjament, fil-limiti stabbiliti bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

(9) Sabiex wieħed jikkwalifika għall-kontribuzzjoni, it-tagħmir tal-lokalizzazzjoni awtomatiku għandu jissodisfa r-rekwiżiti ffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-Sistemi ta' Sorveljanza tal-Vapuri [bastimenti] bażata fuq satellita [bbażati fuq is-satelliti] [4].

(10) Sabiex jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni, it-tagħmir ta' reġistrazzjoni u rappurtar elettroniku abbord il-bastimenti tas-sajd għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1077/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1966/2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku tal-attivitajiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' telerilevament u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1566/2007 [5].

(11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont il-fehma tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

[1] ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 267, 10.10.2009, p. 20.
[3] ĠU L 97, 12.4.2007, p. 30.
[4] ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.
[5] ĠU L 295, 4.11.2008, p. 3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-2009 għan-nefqa li daħlu għaliha l-Istati Membri fl-2009 huma u jimplimentaw ċerti proġetti dwar monitoraġġ u sistemi ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd (PKS), kif jissemma fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006. Tistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għal kull Stat Membru, ir-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja u l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tingħata tali kontribuzzjoni.

*Artikolu 2*

**Għeluq tal-impenji pendenti**

Il-ħlasijiet kollha li għalihom qed jintalab rimborż għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kkonċernat sat-30 ta' Ġunju 2013. Il-ħlasijiet mħallsa mill-Istat Membru wara din id-data ta' skadenza ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rimborż. L-approprjazzjonijiet tal-baġit mhux użati relatati ma' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu diżimpenjati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 3*

**Teknoloġiji ġodda u netwerks tal-IT**

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness I, għax-xiri u l-istallazzjoni tat-teknoloġija informatika u l-assistenza teknika għaliha, u l-istabbiliment ta' netwerks tal-IT sabiex tippermetti skambju ta' dejta effiċjenti u sigur relatata mal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli fi ħdan il-limiti stabbiliti f'dak l-Anness.

2. Fil-każ ta' nefqa fl-ambitu tal-Anness I, marbuta mas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), sistemi ta' reġistrazzjoni u rappurtar elettroniċi (ERS) inkella sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU), ir-rata ta' kofinanzjament imsemmija fil-paragrafu 1 hija ta' 95 %.

*Artikolu 4*

**Tagħmir tal-lokalizzazzjoni awtomatiku**

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness II, għax-xiri u l-armar abbord ta' bastimenti tas-sajd ta' tagħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatiku li jippermetti li bastimenti jkunu jistgħu jiġu mmonitorjati mill-bogħod minn ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd permezz tal-VMS għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' 95 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-pargrafu 1 għandha tkun limitata għal EUR 1 500 kull bastiment.

3. Sabiex jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1, tagħmir tal-lokalizzazzjoni awtomatiku għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2244/2003.

*Artikolu 5*

**Sistemi ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar elettroniċi**

In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness III, għall-iżvilupp, ix-xiri, l-istallazzjoni u l-għajnuna teknika għall-komponenti meħtieġa għall-ERS, sabiex l-iskambju tad-dejta jkun effiċjenti u sigur fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 95 % tan-nefqa eliġibbli fi ħdan il-limiti stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 6*

**Tagħmir ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar elettroniku**

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness IV, għax-xiri u l-armar abbord ta' bastimenti tas-sajd ta' tagħmir tal-ERS li jippermetti li l-bastimenti jirreġistraw u jirrappurtaw elettronikament dejta dwar l-attivitajiet tas-sajd lil Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 95 % tan-nefqa eliġibbli fi ħdan il-limiti stipulati f'dak l-Anness.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun limitata għal EUR 3 000 kull bastiment, bla ħsara għall-paragrafu 4.

3. Sabiex jikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja tagħmir tal-ERS għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1077/2008.

4. Fil-każ ta' tagħmir li jikkombina l-funzjonijiet ERS u VMS, u li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2244/2003 u (KE) Nru 1077/2008, il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal EUR 4 500.

*Artikolu 7*

**Programmi ta' taħriġ u ta' skambju**

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness V, fuq it-taħriġ u l-programmi ta' skambju ta' impjegati taċ-ċivil responsabbli għal xogħlijiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fil-qasam tas-sajd għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli fi ħdan il-limiti stipulati f'dak l-Anness.

2. Fil-każ ta' nefqa skont l-Anness V taħt il-forma ta' seminars relatati ma' sajd IUU, ir-rata ta' kofinanzjamenti msemmija fil-paragrafu 1 hija stabbilita għal 95 %.

*Artikolu 8*

**Kontribuzzjoni totali massima Komunitarja għal kull Stat Membru**

In-nefqa totali ppjanata, in-nefqa totali għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni u l-kontribuzzjoni totali massima Komunitarja kull Stat Membru allokata skont din id-Deċiżjoni huma kif ġej:

*(f'Eur)*

| L-Istat Membru | In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd | In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Il-kontribuzzjoni Komunitarja |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 3 638 843 | 1 143 733 | 1 057 867 |
| Il-Ġermanja | 2 426 282 | 1 017 000 | 828 400 |
| L-Irlanda | 1 143 000 | 800 000 | 300 000 |
| Il-Greċja | 2 500 000 | 907 895 | 525 000 |
| Spanja | 10 695 000 | 3 783 000 | 2 526 000 |
| L-Italja | 4 990 000 | 3 140 000 | 2 897 500 |
| Il-Latvja | 15 652 | 15 652 | 14 869 |
| L-Olanda | 1 910 000 | 450 000 | 427 500 |
| Il-Portugall | 7 439 055 | 4 171 655 | 2 635 194 |
| Ir-Rumanija | 15 600 | 15 600 | 7 800 |
| L-Iżvezja | 1 550 000 | 700 000 | 600 000 |
| Ir-Renju Unit | 1 153 763 | 911 161 | 779 870 |
| Total | 37 477 195 | 17 055 696 | 12 600 000 |

*Artikolu 9*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Renju tal-Iżvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittannja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Joe BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**TEKNOLOĠIJI ĠODDA U NETWERKS TAL-IT**

*(f'Eur)*

| L-Istat Membru l-kodiċi tal-proġett | In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd | In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Il-kontribuzzjoni Komunitarja |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | | | |
| DK/09/08 | 44 000 | 0 | 0 |
| DK/09/09 | 1 333 333 | 0 | 0 |
| Subtotal | 1 377 333 | 0 | 0 |
| Il-Ġermanja | | | |
| DE/09/12 | 3 782 | 0 | 0 |
| DE/09/15 | 20 000 | 0 | 0 |
| DE/09/16 | 9 000 | 0 | 0 |
| DE/09/25 | 12 000 | 0 | 0 |
| DE/09/26 | 112 500 | 0 | 0 |
| DE/09/27 | 465 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 622 282 | 0 | 0 |
| L-Irlanda | | | |
| IE/09/03 | 63 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 63 000 | 0 | 0 |
| Il-Greċja | | | |
| EL/09/06 | 1 500 000 | 750 000 | 375 000 |
| EL/09/07 | 1 000 000 | 157 895 | 150 000 |
| Subtotal | 2 500 000 | 907 895 | 525 000 |
| L-Olanda | | | |
| NL/09/18 | 585 000 | 0 | 0 |
| NL/09/19 | 875 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 1 460 000 | 0 | 0 |
| Il-Portugall | | | |
| PT/09/07 | 1 500 000 | 0 | 0 |
| PT/09/08 | 1 500 800 | 0 | 0 |
| PT/09/09 | 46 600 | 0 | 0 |
| PT/09/10 | 220 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 3 267 400 | 0 | 0 |
| Ir-Rumanija | | | |
| RO/09/04 | 15 600 | 15 600 | 7 800 |
| Subtotal | 15 600 | 15 600 | 7 800 |
| L-Iżvezja | | | |
| SE/09/15 | 100 000 | 0 | 0 |
| SE/09/16 | 500 000 | 0 | 0 |
| SE/09/18 | 250 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 850 000 | 0 | 0 |
| Ir-Renju Unit | | | |
| UK/09/69 | 9 879 | 0 | 0 |
| UK/09/71 | 1 395 | 0 | 0 |
| UK/09/73 | 5 811 | 0 | 0 |
| UK/09/74 | 6 973 | 0 | 0 |
| UK/09/75 | 51 578 | 0 | 0 |
| UK/09/76 | 5 811 | 0 | 0 |

*(f'Eur)*

| L-Istat Membru l-kodiċi tal-proġett | In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd | In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Il-kontribuzzjoni Komunitarja |
|---|---|---|---|
| UK/09/77 | 814 | 0 | 0 |
| UK/09/78 | 2 529 | 0 | 0 |
| UK/09/79 | 465 | 0 | 0 |
| UK/09/80 | 5 113 | 0 | 0 |
| UK/09/81 | 5 100 | 0 | 0 |
| UK/09/83 | 7 670 | 0 | 0 |
| UK/09/86 | 11 622 | 0 | 0 |
| Subtotal | 114 760 | 0 | 0 |
| Total | 10 270 375 | 923 495 | 532 800 |

*ANNESS II*

## TTAGĦMIR TAL-LOKALIZZAZZJONI AWTOMATIKU

*(f'Eur)*

| L-Istat Membru l-kodiċi tal-proġett | In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd | In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Il-kontribuzzjoni Komunitarja |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | | | |
| DE/09/17 | 48 000 | 48 000 | 24 000 |
| DE/09/18 | 12 000 | 0 | 0 |
| DE/09/19 | 45 000 | 0 | 0 |
| DE/09/20 | 20 000 | 0 | 0 |
| DE/09/28 | 258 000 | 258 000 | 129 000 |
| Subtotal | 383 000 | 306 000 | 153 000 |
| Ir-Renju Unit | | | |
| UK/09/72 | 197 573 | 197 573 | 102 000 |
| Sub-Total | 197 573 | 197 573 | 102 000 |
| Total | 580 573 | 503 573 | 255 000 |

*ANNESS III*

## SISTEMI TA' REĠISTRAZZJONI U TA' RAPPURTAR ELETTRONIĊI

*(f'Eur)*

| L-Istat Membru u l-kodiċi tal-proġett | In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd | In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Il-kontribuzzjoni Komunitarja |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | | | |
| DK/09/11 | 100 000 | 0 | 0 |
| DK/09/12 | 100 000 | 0 | 0 |
| DK/09/13 | 133 333 | 0 | 0 |
| DK/09/14 | 200 000 | 0 | 0 |
| DK/09/15 | 166 667 | 0 | 0 |
| DK/09/16 | 133 333 | 0 | 0 |
| DK/09/17 | 284 444 | 0 | 0 |
| Subtotal | 1 117 777 | 0 | 0 |
| Il-Ġermanja | | | |
| DE/09/06 | 350 000 | 0 | 0 |
| DE/09/07 | 50 000 | 0 | 0 |
| DE/09/08 | 60 000 | 0 | 0 |
| DE/09/09 | 30 000 | 0 | 0 |
| DE/09/10 | 100 000 | 0 | 0 |
| DE/09/11 | 120 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 710 000 | 0 | 0 |
| L-Irlanda | | | |
| IE/09/04 | 80 000 | 0 | 0 |
| IE/09/05 | 200 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 280 000 | 0 | 0 |
| Il-Latvja | | | |
| LV/09/01 | 15 652 | 15 652 | 14 869 |
| Subtotal | 15 652 | 15 652 | 14 869 |
| L-Olanda | | | |
| NL/09/20 | 450 000 | 450 000 | 427 500 |
| Subtotal | 450 000 | 450 000 | 427 500 |
| Ir-Renju Unit | | | |
| UK/09/68 | 116 220 | 0 | 0 |
| UK/09/84 | 11 622 | 0 | 0 |
| Subtotal | 127 842 | 0 | 0 |
| Total | 2 701 271 | 465 652 | 442 369 |

*ANNESS IV*

**TAGĦMIR TA' REĠISTRAZZJONI U TA' RAPPURTAR ELETTRONIKU**

*(f'Eur)*

| L-Istat Membru u l-kodiċi tal-proġett | In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd | In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Il-kontribuzzjoni Komunitarja |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | | | |
| DK/09/10 | 1 080 000 | 1 080 000 | 1 026 000 |
| Subtotal | 1 080 000 | 1 080 000 | 1 026 000 |
| Il-Ġermanja | | | |
| DE/09/13 | 84 000 | 84 000 | 79 800 |
| DE/09/21 | 105 000 | 105 000 | 99 700 |
| DE/09/29 | 522 000 | 522 000 | 495 900 |
| Subtotal | 711 000 | 711 000 | 675 400 |
| L-Irlanda | | | |
| IE/09/06 | 800 000 | 800 000 | 300 000 |
| Subtotal | 800 000 | 800 000 | 300 000 |
| Spanja | | | |
| ES/09/36 | 3 753 000 | 3 753 000 | 2 502 000 |
| ES/09/37 | 6 912 000 | 0 | 0 |
| Subtotal | 10 665 000 | 3 753 000 | 2 502 000 |
| L-Italja | | | |
| ITA/09/14 | 4 800 000 | 2 950 000 | 2 802 500 |
| Subtotal | 4 800 000 | 2 950 000 | 2 802 500 |
| Il-Portugall | | | |
| PT/09/11 | 2 091 635 | 2 091 635 | 1 224 000 |
| PT/09/12 | 1 993 500 | 1 993 500 | 1 329 000 |
| Subtotal | 4 085 135 | 4 085 135 | 2 553 000 |
| L-Iżvezja | | | |
| SW/09/17 | 700 000 | 700 000 | 600 000 |
| Subtotal | 700 000 | 700 000 | 600 000 |
| Ir-Renju Unit | | | |
| UK/09/70 | 232 439 | 232 439 | 220 800 |
| UK/09/82 | 453 256 | 453 256 | 430 572 |
| UK/09/85 | 27 893 | 27 893 | 26 498 |
| Subtotal | 713 588 | 713 588 | 677 870 |
| Total | 23 554 723 | 14 792 723 | 11 136 770 |

*ANNESS V*

## PROGRAMMI TA' TAĦRIĠ U TA' SKAMBJU

*(f'Eur)*

| L-Istat Membru u l-kodiċi tal-proġett | In-nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali għall-kontroll tas-sajd | In-nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Il-kontribuzzjoni Komunitarja |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | | | |
| DK/09/19 | 63 733 | 63 733 | 31 867 |
| Subtotal | 63 733 | 63 733 | 31 867 |
| Spanja | | | |
| ES/09/38 | 10 000 | 10 000 | 5 000 |
| ES/09/39 | 20 000 | 20 000 | 19 000 |
| Subtotal | 30 000 | 30 000 | 24 000 |
| L-Italja | | | |
| IT/09/16 | 100 000 | 100 000 | 50 000 |
| IT/09/17 | 90 000 | 90 000 | 45 000 |
| Subtotal | 190 000 | 190 000 | 95 000 |
| Il-Portugall | | | |
| PT/09/13 | 86 520 | 86 520 | 82 194 |
| Subtotal | 86 520 | 86 520 | 82 194 |
| Total | 370 253 | 370 253 | 233 061 |